# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 t'April tas-sena 2001.**

**Numru 31**

**Avviz numru 1646/00/SM**

**George Falzon**

**vs**

**Pauline Mallia**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat t-28 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-attrici quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Taghti lill-attur il-ktieb tal-ircevuti tal-hlas tal-qbiela tal-ghalqa ta' Triq il-Wiesgha, Zonqor, Marsascala, bl-ircevuti li fih inklusa dik ta' l-ahhar hlas li sar f'Settembru 2000 liema ktieb zammejtu inti bil-flus gio fih;**

2. **Ghall-fini tal-kompetenza jigi dikjarat li l-valur ma jeccedix tlett mitt lira Maltija (LM300);**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-8 ta' Frar tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:**

1. **Fl-ewwel lok in-nuqqas ta' integrita tal-gudizzju billi hi biss komproprijetarja u ma giex imharrek il-komproprijetarju l-iehor, huha, u fin-nuqqas tas-sejha ta' dan l-ahhar fil-kawza ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;**

2. **Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost illi la hi u lanqas huha ma kienu accettaw il-kera tal-fond premess u ma rrilaxxaw l-ebda rcevuta ghall-perjodu in kwistjoni;**

3. **Fit-tielet lok, u dejjem bla pregudizzju, illi l-konvenuta ma tistax tigi kkundannata tirrilaxxja rcevuta ghall-pagament li qatt ma accettat;**

4. **Illi l-attur jista jirtira l-ktieb tal-kera u l-ghaxar liri li hemm go fih meta jrid u meta joghgbu u l-konvenuta qatt ma cahhditu minn dan; illi stante dan il-fatt il-konvenuta ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-kawza;**

5. **Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu;**

6. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat il-verbal datat l-1 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz tieghu l-qorti giet informata li dak mitlub mill-konvenuta kien ser jigi sodisfatt;**

**Rat in-nota ta' l-attur datata l-10 t'April tas-sena 2001 li permezz taghha informa lill-qorti li huwa jcedi s-sorte f'din il-kawza stante li l-ktieb bir-ricevuti meritu tal-kawza gie ritornat fil-mori tal-kawza u li jzomm ferm il-kap ta' l-ispejjez;**

**Rat id-dokumenti kollha;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghandu jigi rilevat li ghalkemm l-attur zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez fin-nota tieghu ta' l-10 t'April tas-sena 2001**

**pero' l-ebda kap ta' din ix-xorta ma gie rizervat fl-avviz li ta lok ghall-procedura odjerna;**

**Illi konsegwentement l-attur bl-ebda mod ma ghandu d-dritt izomm ferm dan il-kap;**

**Ghaldaqstant din il-qorti fil-waqt li tastjeni ghal dak li jirrigwarda l-meritu tal-kawza stante li gie cedut, tiddeciedi, ghar-raguni infraskritta, li tikkundanna liz-zewg partijiet involuti biex jaqsmu ugwalment  l-ispejjez konnessi ma din il-procedura.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**